MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2011

Numru. 359/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**Vs**

**Charlot Mifsud, bin Nazzareno u Giuseppa nee' Attard, imwieled il-Pieta' nhar id-29 ta' Ottubru 1983 u residenti 8, Sqaq fi Triq Marsaxlokk, Zejtun u detentur tal-karta ta'l-identita' numru 554483(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Charlot Mifsud li permezz taghha huwa gie akkuzat talli fid-9 ta' Awwissu 2008 ghal habta tal-11:20am fi Triq Karmnu c/w Triq Titu Brandsma, Fgura saq vettura numru EAF 213:

1. Naqas li jiehu il-prekawzjonijiet mehtiega meta kien hiereg minn Triq Titu Brandsma ghal go Triq il-Karmnu, Fgura;
2. U aktar talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragini jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tahris tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma' mutur b'numru HRR400 ghad-dannu ta' Roderick Grech u aktar ;
3. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragini jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew il-professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku involontarjament ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Roderick Grech skond kif iccertifika Dr. M. Spiteri MD (reg.no.2772) mil-MDH.

Semghet il-provi,

Rat in-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali tat-2 ta' Novembru 2010.

Semghet lill-imputat jiddikjara illi huwa ma kellux oggezzjoni illi il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti kollha processwali.

Ikkunsidrat,

Illi ma hemmx dubbju illi l-kawza prossima tas-sinistru stradali mertu ta' din il-kawza kien il-fatt illi l-imputat kiser ghal go triq kontra *one-way sign*. Dana il-fatt ma hux ikkontestat mill-imputat. L-imputat fil-jum ta'l-incident kien sejjer lejn Rahal il-Gdid u kien qieghed isuq gewwa Triq Titu Brandsma u kien ser idur ghal go Triq il-Karmnu, l-Fgura. Ghalhekk huwa waqaf fuq l-*istop sign* li hemm fl-art u minflok kiser lejn il-lemin tieghu, huwa kiser lejn ix-xellug meta dana ma setax jaghmlu peress illi it-triq kienet *one-way* 'l isfel. F'dana il-mument kien nizel il-parti leza Roderick Grech li kien qieghed isuq mutur bin-numru HRR400 u dana sab lill-vettura ta'l-imputat ma' wiccu. Ma irnexxielux iwaqqaf il-mutur fil-hin ghalkemm zamm il-

brejk u baqa’ diehel fil-vettura ta’l-imputat. Konsegwenza ta’ dana huwa imbezaq minn fuq il-mutur, tkaxkar ma’l-art u sofra griehi konsistenti fi ksur f’subajgh l-ohxon ta’ idejh tal-lemin.

Illi l-imputat jikkontendi illi din it-triq huwa ma jghaddix minnha spiss u ghalhekk ma setax ikun jaf illi f’dik il-parti kienet *one-way*. Illi huwa fatt mhux ikkontestat ukoll illi fil-jum ta’l-incident it-tabella li tindika lis-sewwieq li ma setax idur ‘il fuq u li it-triq kienet *one-way* kienet maqlugha u mixhuta fl-art peress illi fil-kantuniera kien qieghed isir xoghol ta’ kostruzzjoni u ghalhekk dawn is-sinjali tat-traffiku gew maqlugha u mitfugha ma’ l-art. Dana jirrizulta kemm mix-xhieda tas-surgent 1067 li investiga dana l-incident stradali kif ukoll mill-iskizz ippreperat minnu. L-imputat ukoll ezebixxa ritratti illi huwa ha *a tempo vergine* li juru car dawn is-sinjali tat-traffiku mimduda fl-art.[1]

Ghalkemm madanakollu dawn is-sinjali tat-traffiku ma kenux f’posthom, faccata ezatt ta’l-*istop sign* fi Triq Titu Brandsma minn fejn kien hiereg l-imputat bil-vettura tieghu kien hemm mera u tahtha sinjal bi vlegga li tindika lis-sewwieqa illi t-traffiku irid idur lejn in-naha tal-lemin. L-imputat jikkontendi madanakollu illi dana is-sinjal ma kienx jidher sew minhabba l-fatt illi hdejh kien hemm bieb ta’ garaxx mimli *stickers* li kien ifixkel l-attenzjoni tas-sewwieqa minn dana is-sinjal. Inoltre jikkontendi ukoll illi fil-hin ta’l-incident ix-xemx kienet qed tirrifletti fuq il-mera u kwindi huwa ma setax jara sewwa.

Illi maghdud dana kollu ghalhekk hija l-fehma ta’ dina l-Qorti, illi kien hemm fatturi indipendenti mill-imputat li ikkontribwew ghal dana is-sinistru stradali u ghalhekk r-responsabbilta ghal dana l-incident ma huwiex unikament ta’l-imputat.

1. Kien nuqqas serju ta’l-awtoritajiet ikkoncernati fosthom tal-Kunsill Lokali tal-Fgura, kif ukoll tat-Transport Malta illi ma sarx senjalagg car fil-kantuniera li jindika lis-sewwieqa li ma jistghux iduru lejn ix-xellug taghhom. Qatt

[1] Ara skizz Dokument MS1 a fol.30 u ritratt a fol.134

ma messhom thallew sinjali tat-traffiku daqstant importanti maqlugha u mixhuta ma'l-art. Inoltre wara li dawn jitnehhew kellu isir senjalagg iktar car minn dawk li saru sabiex is-sewwieqa ma ikunux jistghu jitfixklu u jiksru ghal go triq li hija *one way*.

2. Illi l-parti leza lli kien qieghed isuq mutur fi triq li hija ghan-nizla messu saq iktar bil-galbu iktar u iktar tenut kont tal-fatt illi kien qieghed joqrob lejn salib it-toroq minn fejn ghalhekk jistghu johorgu il-karozzi. It-tul tal-brejk marks li jidhru fuq l-iskizz jindikaw illi Grech kien qieghed isuq xi ftit b'sahhtu ghal dik iz-zona.

Dawn iz-zewg fatturi madanakollu ma jistghux jezimu lill-imputat ghal kollox mir-responsabbilta tieghu ghal dana is-sinistru stradali. Ibda biex jekk wiehed ihares lejn l-iskizz mal-ewwel jinnota illi l-vettura ta'l-imputat kissret ghal go Triq il-Karmu ezatt mal-bankina tan-naha tax-xellug. Li kieku l-imputat kiser iktar lejn il-lemin tat-triq, il-mutur kien ikollu bizzejjed spazju minn fejn jisgicca. Izda huwa lewa ezatt mal-bankina tant ghalhekk illi l-mutur li kien nizel sabu ma' wiccu. Inoltre ghalkemm l-imputat jikkontendi illi s-sinjali li kien hemm ma setax jarhom sew ghar-raguinijiet indikati iktar 'il fuq, l-Qorti hija tal-fehma illi l-vlegga li kien hemm faccata ezatt ta'l-*istop sign* u cioe' tat-triq minn fejn kien hiereg l-imputat kienet vizibbli sew u li kieku l-imputat qaghad aktar attent huwa kien jinnotaha u jirrealizza illi l-unika direzzjoni li kellu biex imur kien illi jikser ghal fuq il-lemin tieghu. Anke is-surgent 1067 isostni meta mistoqsi in kontro-ezami illi kemm il-mera kif ukoll l-*arrow sign* "tigi faccata tax-xufier li tindikalu li ma jistax jaghmel *left turn* izda m'ghandux alternattiva ohra hlief li jobdi l-*arrow sign* u jdur fuq il-lemin, l-*arrow sign* tidher hafna."[2]

L-imputat, izda dawn ma tax kashom x'aktarx ghaliex kien aljenat jara isibx xi rotta alternattiva minn fejn ser ighaddi sabiex jevita it-traffiku li kien hemm f'dak il-hin. Huwa stess jikkontendi: "Kien hemm habiba tieghi Analise Borg u qaltli biex inwassalha sa Rahal il-Gdid, kellha

---

[2] Ara xhieda tas-surgent 1067 a fol. 130

tarbija ta' ftit xhur u kont ghaddej mit-triq tal-Fgura. Peress li rajt hafna karozzi ghidt ha nghaddi minn hawnhekk ghidt halli inqassar u nghaddi hekk, bdejt insuq ta' nies u bil-mod."[3]

Illi kif gie gustament ritenut f'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) f'sentenza moghtija fil-21 ta' Mejju 1960 fl-ismijiet il-Pulizija vs Anthony Spiteri: "Driver ta' karozza ghandu inegabbilment, fost ohrajn, zewg doveri: wiehed, dak li jzomm a *proper lookout* ghall-vejikoli, *pedestrians*, u *road-users* ohra; l-iehor, dak illi waqt is-sewqan hu jkun f'posizzjoni tali li jkollu f'kull hin kontroll sewwa tal-vejikolu." Il-Qorti osservat "ma ghandux jintesa illi l-accidenti stradali huma ta' spiss kwistjoni ta' disattenzjoni ta' *split second* u l-kontingenzi tat-traffiku jistghu jkunu subitanei u inaspettati. Dan hu certament sewqan negligenti; u ma jistax biex jeskludieh il-fatt illi it-triq kienet wiesgha u illi traffiku iehor ma kienx hemm fit-triq, u cirkostanzi ohra tal-mument. … ghal sewqan negligenti ma hemmx bzonn tal-vjolazzjoni ta' normi guridici specifici, imma bizzejjed li jkun hemm negligenza, fis-sens ta' nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita is-sinistri stradali."

"Illi gie ritenut mill-Qrati Taghna li "*Hu dover ta' "**driver to see what is in plain view"**.* (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Vella"** - [10.8.1963] )u li "*min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout"* (Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. J.M. Laferla"** [17.6.1961] ). "***Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."*** ("**Newhaus vs. Bastion Insurance Co. Ltd."** [1968].

[3] Ara xhieda ta'l-imputat a fol.106

Illi kif inhu ben stabbilit, f' sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghal xi tort da parti tal-vittma. (Ara Appelli Kriminali: **"Il-Pulizija vs.Gaetano Schembri"** [16.3.1961]; **"Il-Pulizija vs. John Polidano**"[3.11.1963]**"Il-Pulizija vs.Rev.C.Mifsud"** (Kollez. Vol. XXXVIII; iv. p.1131) u ohrajn.). Fi kliem iehor, il-***"contributory negligence*"** ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru. (App.Krim." **Il-Pulizija vs P.Vassallo",** [Kollez.Vol.XXXVII,iv.p.883]). In-negligenza kontributorja da parti tal-vittma tista' isservi ghal haga wahda biss u cioe' ghall-attenuazzjoni tal-piena li tigi inflitta u xejn izjed.

Illi maghdud dana kollu ghalhekk, Il-Qorti hija tal-fehma illi l-imputat jahti ukoll ghal dana is-sinistru stradali billi huwa ma uzax il-prudenza kollha fis-sewqan tieghu billi ma zammx dik il-*proper lookout* rikjesta minn kull sewwieq prudenti u ghalhekk saq minghajr kont tant illi injora sinjali tat-traffiku li messhom kienu vizibbli ghalih u kiser ghal go triq li kienet *one way*. Ghalhekk ghalkemm is-sewqan ta'l-imputat certament ma jistax jitqies bhala xi sewqan perikoluz, madanakollu l-Qorti tqies illi l-imputat kienet negligenti fis-sewqan tieghu u saq b'nuqqas ta' kont meta ma zammx dik il-*proper lookout* rikjesta mil-ligi.

Illi min-nota ta' rinviju ghal gudizzju jirrizulta illi l-Avukat Generali qieghed jindika mhux biss ir-reat ta'l-offiza gravi involontarja, izda ukoll dik tal-hsara involontarja a tenur ta'l-artikolu 328 tal-Kapitolu 9. Illi dwar dina l-imputazzjoni madanakollu ma ingiebet l-ebda prova dwar il-hsara ikkagjonata fuq il-mutur tal-parti leza. Lanqas hemm prova ghar-rigward tal-fatt jekk dana il-mutur jappartjeniex lil Grech o meno. Ghaldaqstant billi ma jirrizultax xi hsara kien hemm fuq dana il-mutur, jekk kien hemm fil-fatt xi hsara ghaliex dina ma harrgitx mill-provi, l-Qorti ser tillibera lill-imputat minn dina l-imputazzjoni billi mhijiex sufficjentement ippruvata.

Illi ma hemmx dubbju illi Grech sofra griehi ta' natura gravi *per durata* u dana kif jirrizulta mix-xhieda ta' Dr. Jason

Zammit u il-Professur Carmel Sciberras minn fejn jidher illi l-imputat ghadu ma kisibx l-uzu sew ta’ subajgh l-ohxon tant illi anke kellu jieqaf mill-impieg li kellu bhala ***airconditioner installer***.[4]

Illi dwar l-akkuza a tenur tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta kif diga inghad il-Qorti tqies illi s-sewqan ta’l-imputat kien wiehed negligenti izda mhux perikoluz u kwindi mhijiex ser tghaddi sabiex tiskwalifika lill-imputat mil-licenzja tas-sewqan tieghu.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta, ghalhekk, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni dana il-fatt, kif ukoll il-fatt illi, kif diga inghad iktar ‘il fuq, l-imputat ma jahtix wahdu ghal dana s-sinistru stradali.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 225, 226(1)(a), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni akkuza, issibu hati tal-kumplament ta’l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ihallas multa ta’ elf u hames mitt ewro (€1500).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[4] Ara xhieda ta’ Dr. Jason Zammit u il-Profs. Carmel Sciberras a fols. 53 u 63 rispettivament.